

Brussell, 29 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11977/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0250 (NLE)**

LIMITE

**MAMA 194
MED 49
RECH 352
ISR 5**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 620 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar is-sospensjoni parzjali tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Iżrael fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 620 final.

Mehmuż: COM(2025) 620 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2025
COM(2025) 620 final

2025/0250 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar is-sospensjoni parzjali tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u
Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni
Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteeipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni¹. Is-sospensjoni parzjali tikkonċerna l-parteeipazzjoni ta' entitajiet stabbiliti f'Iżrael f'attivitajiet iffinanzjati taħt l-Aċċelleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council).

L-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael mill-parti l-oħra (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Ewro-Mediterranju") jipprevedi li "Ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim innifsu, għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi, li jiggwida l-politika tagħhom interna u internazzjonali u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim".

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael min-naħa l-oħra, dwar qafas ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Iżrael dwar l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteeipazzjoni tal-Istat Iżrael fil-programmi Komunitarji², (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju"), jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' Iżrael fi programmi tal-Unjoni, filwaqt li jħalli lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' Iżrael jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi, inklużi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji, fir-rigward ta' tali parteeipazzjoni f'kull programm partikolari (l-Artikolu 5). Il-programm tal-Unjoni Ewropea Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm Orizzont Ewropa") u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteeipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁴ (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ilu jiġi applikat mill-1 ta' Jannar 2021, meta beda l-programm Orizzont Ewropa, u jkopri l-parteeipazzjoni ta' Iżrael fil-Pilastri kollha tal-Programm.

L-att propost huwa biex il-Kunsill jadotta deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-Ftehim, abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi adottata biex tippermetti - f'konformità mal-Artikolu 79(2) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju - is-sospensjoni parzjali tal-Ftehim minnufih fid-dawl tal-urġenza speċjali determinata mis-sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora malajr fl-Istrixxa ta' Gaża wara l-intervent militari ta' Iżrael, l-imblokk tal-ġajjn umanitarja u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, li jistgħu jwasslu għal deterjorament drammatiku ulterjuri tas-sitwazzjoni fuq il-post.

L-UE tikkundanna l-attakki terroristiċi tal-Ħamas fuq Iżrael, li wasslu għal mewġa ta' vjolenza fir-reġjun u tappella għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaża, għall-ħelsien mingħajr

¹ ĠU L 95, p. 143, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/323\(10\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2022/323(10)/oj)

² ĠU L 129, 17.5.2008, p. 40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/prot/2008/372/oj>

³ ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>

⁴ ĠU L 95/143, 23.02.2022, p. 1, [https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_international/2022/323\(10\)/oj/eng](https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_international/2022/323(10)/oj/eng)

kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha u għat-tmiem tal-kunflitt. L-UE tkompli tappoġġa l-isforzi diplomatiċi li għaddejjin biex jintlaħaq ftehim komprensiv.

L-impenn diplomatiku ma' Iżrael imwettaq mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea wassal għal titjib fuq il-post f'termini ta' aċċess għall-għajnuna f'Gaza (aċċess għal trakkijiet, ftuħ ta' punti ta' qsim tal-fruntiera, il-bini mill-ġdid ta' infrastruttura kritika) u kkontribwixxa wkoll għat-tħabbir tat-tregwa Umanitarja mħabbra minn Iżrael fis-27 ta' Lulju. Minkejja dawn l-isforzi, il-bidla għadha ma laħqitx l-iskala mixtieqa u s-sitwazzjoni umanitarja baqgħet serja.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea hija tal-fehma li hemm każ għal sospensjoni parzjali tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael mal-programm Orizzont Ewropa.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, l-att propost huwa biex il-Kunsill jadotta deċizzjoni dwar is-suspensjoni tal-Ftehim, abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Id-Deċizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi adottata biex tippermetti - f'konformità mal-Artikolu 79(2) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju flimkien mad-dritt internazzjonali konswetudinarju kif ikkodifikat fl-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati bejn l-Istati u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali jew bejn l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali (1) (3), il-punt (b) VCLT - is-suspensjoni parzjali tal-Ftehim minħabba ksur materjali minn Iżrael tal-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, u bħala kwistjoni ta' urġenza speċjali, b'effett immedjat minħabba r-riskju ta' deterjorament serju ulterjuri tas-sitwazzjoni umanitarja fuq il-post.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael mal-programm Orizzont Ewropa jinkludi l-assoċjazzjoni mal-Pilastru 3 inkluż il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC). L-EIC huwa implimentat, b'mod partikolari, permezz tas-sejħiet tal-Aċċelleratur tal-EIC li jipprovdu kemm għotjiet kif ukoll appoġġ għall-investimenti għal entitajiet eliġibbli uniċi (SMEs u mid-caps eċċezzjonalment żgħar). L-appoġġ jinsab f'livell għoli ta' prontezza teknoloġika (livelli TRL 6 sa 8 għall-komponent tal-għotjiet, u potenzjalment ogħla minn dan għall-komponent tal-investimenti) li jfisser li t-teknoloġiji appoġġati x'aktarx li jiġu varati fis-suq f'perjodu ta' żmien qasir. L-appoġġ huwa pprovdut għall-oqsma kollha tat-teknoloġija b'enfasi fuq it-teknoloġiji rivoluzzjonarji u ffixkiela. Is-suspensjoni tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael fir-rigward ta' tali miżuri għal din ir-raġuni wkoll, tidher miżura xierqa u proporzjonata li twieġeb għall-ksur tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti u komplementarja mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael mill-parti l-oħra, u mal-Protokoll li jistabbilixxi l-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Iżrael dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-parteċipazzjoni tal-Istat ta' Iżrael fil-programmi Komunitarji.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mar-relazzjonijiet esterni tal-UE (inklużi l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali).

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Wara d-deċizzjoni reċenti ta' Iżrael li jintroduċi imblokk għall-aċċess tal-għajnuna umanitarja f'Gaza, is-sitwazzjoni umanitarja marret għall-agħar u laħqet livell bla preċedent u insostenibbli, xprunata minn bumbardamenti kontinwi, operazzjonijiet militari, spostament

tal-massa, u l-kollass tas-servizzi bażiċi. Abbażi tar-rapporti tan-NU, 90 % tal-unitajiet domestiċi qed jiffaċċjaw nuqqas serju ta' sigurtà tal-ilma u r-rati ta' malnutrizzjoni qed jiżdiedu drastikament. Nuqqasijiet serji ta' mediċini, tagħmir, u persunal mediku jindikaw hteġa urġenti għal assistenza umanitarja. Kważi l-popolazzjoni kollha ta' Gaza tinsab f'riskju ta' karestija, u t-tfal u l-persuni vulnerabbli jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment drammatika.

Ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta rieżami lill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tat-23 ta' Ġunju, tal-konformità ta' Iżrael mal-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju. Ir-rieżami kkonkluda li hemm indikazzjonijiet li Iżrael qed jikser l-obbligi tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.

L-involvement diplomatiku mal-awtoritajiet Iżraeljani kien intensiv f'diversi livelli iżda ma wassalx għal bidla sinifikanti u sostenibbli tas-sitwazzjoni fuq il-post.

Għalhekk, l-Unjoni Ewropea għandha d-dritt li twieġeb għal tali ksur b'mod li jkun proporzjonat u bil-ħsieb li tippromwovi t-tmim tal-ksur identifikat fir-rieżami tal-konformità mal-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 79, "Fl-għażla tal-miżuri, għandha tingħata prijorità għal dawk li jfixxlu l-anqas l-iffunzjonar tal-Ftehim".

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni Ewropea hija tal-fehma li hemm każ għal sospensjoni parzjali tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael mal-Programm Orizzont Ewropa.

Ladarba l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tinnotifika bil-miktub lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim, flimkien mar-raġunijiet ta' urġenza speċjali li jiġġustifikaw dik id-deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 79(2) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li tista' tittieħed deċiżjoni "*li tissospendi l-applikazzjoni ta' ftehim* u li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv segwit, jiġifieri, li tiġi sospiża l-parteċipazzjoni tal-entitajiet Iżraeljani fis-sejħiet tal-Aċċelleratur tal-EIC, li jipprovdu kemm għotjiet kif ukoll appoġġ għall-investimenti għall-entitajiet eliġibbli uniċi (SMEs u mid-caps eċċezzjonalment żgħar). Is-sospensjoni tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael fir-rigward ta' tali miżuri jidher li hija miżura xierqa u proporzjonata li twieġeb għall-ksur tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, minħabba li l-appoġġ tal-Aċċelleratur tal-EIC huwa pprovdut f'livell għoli ta' prontezza teknoloġika li jfisser li t-teknoloġiji appoġġati x'aktarx li jiġu varati fis-suq f'perjodu ta' żmien qasir b'enfasi fuq it-teknoloġiji rivoluzzjonarji u fixkiela.

- **Għażla tal-istrument**

L-oġġettivi ta' din il-proposta jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' att li jissospendi l-applikazzjoni tal-ftehim internazzjonali. Għalhekk, hija meħtieġa deċiżjoni tal-Kunsill li tissospendi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**
mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**
mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**
mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**
mhux applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**
mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**
mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Kwalunkwe implikazzjoni baġitarja se tiġi vvalutata permezz tal-mekkaniżmu ta' kontribuzzjoni awtomatika regolari previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**
mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**
mhux applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar is-sospensjoni parzjali tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u
Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteeċipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni
Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 u l-Artikolu 188, it-tieni paragrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteeċipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa (aktar 'il quddiem "il-Ftehim") ilu japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Skont il-Ftehim, l-entitajiet legali stabbiliti f'Iżrael jistgħu jipparteċipaw f'azzjonijiet indiretti tal-Programm Orizzont Ewropa skont it-termini u l-kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni Ewropea, inkluż ir-rispett għall-miżuri restrittivi tal-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra⁵ u l-Protokoll integrali tiegħu dwar l-assoċjazzjoni mal-programmi tal-Unjoni.
- (2) L-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jiddikjara li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi jenħtieġ li jiggwidaw il-politika interna u internazzjonali tal-Partijiet u li jeħtieġ li jikkostitwixxu element essenzjali tal-kooperazzjoni tagħhom skont il-ftehim.
- (3) L-Artikolu 79(2) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jipprevedi li Parti tista' tieħu miżuri xierqa jekk tqis li l-Parti l-oħra tkun naqset milli twettaq obbligu u tista' taġixxi mingħajr konsultazzjoni ulterjuri f'każijiet ta' urġenza speċjali u li fl-għażla tal-miżuri, għandha tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixklu l-funzjonament ta' dak il-Ftehim.
- (4) L-UE tikkundanna l-attakki terroristiċi tal-Hamas fuq Iżrael, li wasslu għal mewġa ta' vjolenza fir-reġjun u tappella għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza, għall-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha u għat-tmiem tal-kunflitt.
- (5) Ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta rieżami lill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tat-23 ta' Ġunju, tal-konformità ta' Iżrael mal-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju. Ir-rieżami kkonkluda li hemm indikazzjonijiet li Iżrael qed jikser l-obbligi tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.
- (6) Bl-intervent tiegħu fl-Istrixxa ta' Gaza u l-katastrofi umanitarja li rriżultat, inklużi eluf ta' mwiet ċivili u numri li qed jiżdieđu b'rata mgħaġġla ta' malnutrizzjoni estrema

⁵ ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_international/2000/384/oj.

mifruxa speċifikament tat-tfal, Iżrael qed jikser id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja u għalhekk qed jikser prinċipju essenzjali tal-kooperazzjoni bejn l-UE u Iżrael skont il-Ftehim Ewro-Mediterranju.

- (7) Jixraq, f'konformità mal-Artikolu 79(2) tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, moqri flimkien mad-dritt internazzjonali konsuetudinarju kif ikkodifikat fl-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati bejn l-Istati u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali jew bejn l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, li il-Ftehim jiġi sospiż parzjalment minħabba ksur materjali minn Iżrael tal-Artikolu 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, u bħala kwistjoni ta' urġenza speċjali.
- (8) Il-funzjonament tal-Ftehim mhux se jiġi affettwat b'mod sproporzjonat peress li mhuwiex immirat lejn il-kooperazzjoni u d-dialogu ġenerali bejn l-UE u Iżrael fir-riċerka, fl-iżvilupp teknoloġiku u fid-dimostrazzjoni, iżda għandu l-għan li jissospendi temporanjament is-sejħiet tal-Aċċelleratur tal-EIC, li jipprovdu kemm għotjiet kif ukoll appoġġ għall-investimenti għal entitajiet eliġibbli uniċi (SMEs u mid-caps eċċezzjonalment żgħar). Is-sospensjoni tal-assoċjazzjoni ta' Iżrael fir-rigward ta' tali miżuri tidher miżura xierqa u proporzjonata li twieġeb għall-ksur tal-Ftehim Ewro-Mediterranju.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u Iżrael, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni ta' Iżrael fil-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa għandu jiġi sospiż parzjalment fis-sens li mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-sospensjoni l-entitajiet legali stabbiliti f'Iżrael ma għandhomx ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fis-sejħiet għal għotjiet u appoġġ għall-investimenti taħt l-Aċċelleratur tal-EIC ta' Orizzont Ewropa.

Il-ftehimiet li għaddejjin mal-entitajiet stabbiliti f'Iżrael dwar l-appoġġ tal-Aċċelleratur tal-EIC ma għandhomx jiġu affettwati. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ 30 jum kalendarju wara l-jum tan-notifika tagħha lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*